# L-Istorja tan-Niċċa

**Patri Dumink Bonello OFMConv.**

Kull min hu minn San Pawl il-Baħar u jħobb il-Parroċċa, jieħu gost ikun jaf x'ġara fl-imgħoddi biex tissebbaħ il-Knisja Parrokkjali. Dan li sa ssibu hawn huwa dwar in-niċċa tal-vara tad-Duluri, u ta' dak li għandu x' jaqsam magħha.

Meta qabel ma ġiet imkabbra l-Knisja Parrokkjali, in-niċċa tad-Duluri kienet qrib il-bieb tal-ġemb. In-niċċa kienet ta' l-injam kemm toqgħod l-istatwa fiha. Il-pedestal, il-bradella u l-bankun kienu jiżżarmaw u jitqiegħu f'xi kmamar. Tistgħu taħsbu kemm xogħol ta' strapazz kien ikun meħtieġ ta' kull darba li kienet toħroġ id-Duluri! Meta l-Knisja ġiet imkabbra, din in-niċċa bl-istatwa ġo fiha kienet tqiegħdet f'post xieraq fejn illum hemm il-Fonti tal-Magħmudija. Għax dan il-Fonti qabel kien, sa mill-bidu tal-Parroċċa, ħdejn il-bieb il-kbir tal-Knisja. Sal-Konċilju Vatikan II, is-Sagrament tal-Magħmudija kien jiġi amministrat hemm isfel u mhux bħal-lum qrib l-artal.

Intant kien ilu jħares il-bżonn li l-istatwa titulari jkollha niċċa li tixirqilha, l-aktar meta kien hem mil-ħsieb li l-pendestal jiġi ndurat mill-ġdid u jsiru bradella u bankun ġdid li jixirqu. Għax inkella tarma u żżarma ħsara biss tista' ssir.

Kien hemm diversi proġetti ta' fejn setgħet tiġi din in-niċċa, imma fl-aħħar il-Perit, is-Sur Naudi, dak stess li kien għamel il-pjanta tat-tkabbir tal-Knisja., aċċetta l-proposta tal-Komunità biex in-niċċa għall-vara tad-Duluri, u oħra għal San Pawl, isiru n-naħa ta' fuq tal-korsija fejn kien għad hem mil-gwarniċi tal-ġebel u li fihom kien hemm il-kwadri ta' Cali' qabel ma tkabbret il-Knisja. Wara, mbagħad, dawn il-kwadri li juru, wieħed il-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju, u l-ieħor id-Difna ta' Ġesù, tqiegħdu fil-kappelluni fil-post imħejji għalihom.

Għax-xogħol ta' dawn iż-żewġ niċeċ, li ma kienx jidher ħafif, tqabbad l-imgħallem Salvu Xuereb, dak stess li kien ħadem b'sengħa fit-tkabbir tal-knisja, bena il-kampnar, għamel l-unvjar tal-Knisja kollha, kemm tal-parti l-ġdida kif ukoll tal-parti l-qadima, u kien irrestawra wkoll il-faċċata tal-Knisja.

L-ewwel ma saret kienet in-niċċa għall-vara tad-Duluri fuq in-naħa tal-lemin meta tħares lejn l-artal; xogħol li kien inbeda għall aħħar ta' Lulju 1981 u tlesta b'suċċess f'Ottubru ta' l-istess sena. Pariġġa, in-naħa l-oħra, saret in-niċċa ta' San Pawl. Ix-xogħol tagħha tlesta f'Lulju tal-1982.

Il-ħolma li xi darba l-vara tad-Duluri jkollha bradella u bankun li jixirqulha, wara li kienu saru xi disinji u ftehim għax-xogħol tagħhom, saret realtà. Dawn ġew maħdumin, b'sengħa kbira, mis-Sur Carmel Mangion tal-Ħamrun u żżanżnu għall-Festa tal-1985. L-iskultura bdiet tinħadem mis-Sur Salvu Bugeja ta' tas-Sliema, u l-panewijiet ta' madwar il-bankun ġew ordnati Għawdex għand is-Sur Joseph Sagona. Dawn juru: Marija inkurunata Sultana (quddiem); Marija tħares il-Parroċċa (wara); Marija tipperżenta 'l Ġesù fit-Tempju (xellug); Marija fuq il-Kalvarju taħt is-salib (lemin). Il-bradella u l-bankun kienu lesti minn kollox għall-festa tal-1987, 21sena ilu. Issa kien jonqos biss il-"frames" li jgħalqu ż-żewġ niċeċ, minn quddiem u minn wara, u dawn ġew maħdumin mis-Sur Oscar Schembri ta' Ħal-Tarxien.

Kienu lesti f'dik l-istess sena 1987.

Meta l-vara tad-Duluri sabet ruħha fin-niċċa l-ġdida, in-niċċa li kellha, ta' l-injam, tneħħiet mill-Knisja u tqiegħdet fil-kamra ta' wara n-niċċa ta' San Pawl, bill-Madonna ċ-ċkejkna tar-Rużarju ġo fiha. Din baqgħet hemm, sakemm ftit taż-żmien ilu tneħħiet u ttellgħet fil-Kunvent il-qadim, fejn illum insibu l-Mużew Parrokkjali. Hekk kif tneħħiet dik in-niċċa, l-imgħallem Salvu Xuereb lesta bħal pedestal tal-irħam u fuqu tqiegħed il-Fonti tal-Magħmudija fejn għadu sal-lum. Fejn illum jinsab il-Fonti maġembu tlestew in-niċċeċ ta' San Franġisk u ta' Sant'Antnin. Kollox kien lest għall-aħħar ta' Novembru 1982.

Hekk tispiċċa l-istorja tan-niċċa l-ġdida tad-Duluri u ta' dak kollu li kellu x'jaqsam magħha. Tifħir imur lil kull min ta sehmu biex isiru dawn l-opri li jżejnu l-Knisja Parrokkjali tagħna.








